MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2503/2003

**Il-Prokuratur Legali Madeleine Firman bhala mandatarju specjali f'isem u ghan-nom tas-socjeta' estera Lissauer's Textiles BV**

**Vs**

**Alexander u Jacqueline konjugi Vassalloi f'isemhom proprju u ezercitanti l-kummerc bl-isem Vassallo Imports**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm1411 (elf erbgha mija u hdax-il lira Maltin) dovuti bhala prezz ta' diversi merci mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez u interessi kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur lil konvenut biex iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut fl-14 ta’ Jannar 2004 u  naqas li jidher meta gew ipprezentati l-kapitoli fit-23 ta’ Frar 2004 u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------